**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Frar 2015 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-257/13)** ([1])

***[“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — FAEG u FAEŻR — Spejjeż esklużi mill-finanzjament — Żvilupp rurali — Infiq imwettaq mill-Polonja — Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999 — Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 — Effikaċja tal-kontrolli — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' sussidjarjetà”]***

(2015/C 118/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna u D. Krawczyk, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi u A. Szmytkowska, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2013 dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 67, p. 20), f'dak li jikkonċerna l-azzjoni “Irtirar antiċipat” implementata mir-Repubblika tal-Polonja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2015 – Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-365/13)** ([1])

***(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — FAEG u FAEŻR — Spejjeż esklużi mill-finanzjament — Miżuri ta' żvilupp rurali — ‘Żvantaġġi naturali’ u agroambjent — Adegwatezza tal-kontrolli — Korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa — Proporzjonalità”)***

(2015/C 118/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwanjan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriaučiūnas, R. Krasuckaitė u A. Petrauskaitė, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblytė u G. von Rintelen, aġenti)

### Suġġett

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/214/KE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 123, p. 11).

### Dispożittiv

1) *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/214/UE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija annullata, sa fejn timponi korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % fir-rigward tal-miżuri agroalimetari marbuta mal-kriterju relatat mal-użu ta' fertilizzanti.*

2) *Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.*

3) *Ir-Repubblika tal-Litwanja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 284, 28.9.2013.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali 26 ta' Frar 2015 – Costa Crociere vs UASI – Guerlain (SAMSARA)

**(Kawża T-388/13)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SAMSARA — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti SAMSARA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2015/C 118/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Costa Crociere SpA (Gênes, l-Italja) (rappreżentanti: A. Vanzetti, S. Bergia u G. Sironi, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Guerlain SA (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentanti: C. Costa u M. Baccarelli, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Mejju 2013 (Każ R 2049/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Guerlain SA u Costa Crociere SpA.